newsbook MALTA

# Awdjo: Ta’ 10 snin titkellem dwar id-drittijiet umani

Minn **George Cremona** - 12 ta' Novembru 2014 2:28 PM

Minkejja li għad għandha biss għaxar snin, titkellem b'sens ta' tfajla matura.

Din hija l-fehma ta' kull min tul din il-ġimgħa li fiha qed isir il-*Junior Eurovision Song Contest* f'Malta ltaqa' jew tkellem mal-kantanta tal-Ġorġja Lizi Japaridze magħrufa bħala Lizi Pop.

Lizi twieldet il-Ġorġja imma minħabba x-xogħol u n-negozju ta' missierha kellha l-opportunita li tgħix fil-Greċja fost l-oħrajn.  Tistudja fi skola internazzjonali.

Lizi tkellmet ma' **Newsbook.com.mt.** B'Ingliż perfett spjegat li kuntenta ħafna li tinsab Malta. Kompliet tgħid li stenniet li Malta se tkun akbar pero' b'ħafna prudenza tiċċara li l-poplu Malti m'għandux għalfejn jiddispjaċih għax anke fiż-żgħir u fiċ-ċkejken wieħed jista' jħossu tajjeb minħabba li fejn m'hemmx kobor hemm aktar sigurta.

Meta mistoqsija liema hu s-suġġett favorit tagħha tal-iskola, bla ma taħsibha tibda titkellem dwar suġġett li fl-iskola jgħallimhom dwar id-drittijiet umani. B'ton differenti u aktar serju tgħid li l-ħolma tagħha hi li tara lil kull bniedem u annimal f'kull kontinent iħossu apprezzat.  Fil-fehma tagħha din hija xi ħaġa tant sempliċi li ma tistax tifhem kif nies oħrajn madwar id-dinja ma jistgħux jifhmu.

Bla dewmien tfakkar ukoll li dan huwa l-messaġġ tal-kanzunetta li se narawha tinterpreta fis-serata finali tal-Junior Eurovision. "Wara kollox dak hu l-messaġġ tal-kanzunetta tiegħi li nipprova ngħin lil kull familja, kull adult u kull tifel u tifla biex ikunu kuntenti b'dak li għandhom f'ħajjithom".

**George Cremona**

Former Newsbook Journalist